*Seduta plenarja*

22.3.2011 B7-0222/2011

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 120 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-ħatra tad-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea)

**Sharon Bowles**
f'isem il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji



*Magħquda fid-diversità*

**B7-0222/2011**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-ħatra tad-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea)**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-ittra tal-10 ta' Marzu 2011 mill-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 51(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea)[1],

– wara li kkunsidra l-fatt li, fil-laqgħa tiegħu tas-17 ta' Marzu 2011, il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji sema' lill-kandidat magħżul mill-Bord ta' Superviżuri tal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 120 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi Adam Farkas jissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 51(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010),

1. Japprova l-ħatra ta' Adam Farkas bħala Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea);

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea).

[1] ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12.